31998L0087

27.11.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 318/43

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/87/KE

tat-13 ta' Novembru 1998

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar il-*marketing* ta' l-għalf tal-bhejjem kompost

(Test b'relevanza taż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-*marketing* ta' l-għalf tal-bhejjem kompost [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/47/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(e) tagħha,

Billi, fil-punt VII.E.4 ta' l-Anness XV għall-Att ta' Adeżjoni, ir-Renju ta' l-Isvezja jista' jżomm il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu li tagħmilha obbligatorja li jkun iddikjarat il-kontenut ta' fosfru fuq it-tikkettjar ta' komponenti ta' l-għalf tal-bhejjem maħsuba għall-ħut sal-31 ta' Diċembru 1997;

Billi, permezz ta' l-Anness XV ta' l-Att imsemmi hawn fuq, l-Isvezja hija meħtieġa li takkumpanja talbiet għall-addattazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità għall-mineral ikkonċernat minn stqarrija ddettaljata tar-raġunijiet xjentifiċi;

Billi l-Isvezja bagħtet stqarrija tar-raġunijiet fil-5 ta' Ġunju 1997;

Billi d-Direttiva 79/373/KEE tipprovdi għall-aġġornament regolari ta' l-Anness ta' din id-Direttiva fid-dawl ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku;

Billi l-arrikiment bil-fosfru qiegħed jiddisturba l-bilanċ ekoloġiku ta' l-għadajjar u l-ibħra; billi l-effetti ta' ewtrofikazzjoni osservati frekwentement f'għadajjar fin-naħa interna ta' l-art huma ġeneralment it-tkabbir ta' l-alka kaħlanija-ħadra, id-defiċjenza ta' l-ossiġnu, rata għolja ta' mortalità fil-ħut u biodiversità hija mnaqqsa;

Billi huwa meħtieġ għalhekk li jkunu llimitati l-emissjonijiet tal-fosfru għal minimu assolut; billi l-indikazzjoni obbligatorja tal-kontenut ta' fosfru fuq it-tikkettjar tal-komponenti ta' l-għalf għall-ħut jagħmlu kontribut sinifikanti dwar dak l-oġġettiv billi jiffaċilitaw il-prattika tajba tat-tmiegħ;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 79/373/KEE huwa b'hekk emendat bi qbil ma' l-Anness ta' dan.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1999 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 1999.

Meta l-Istati Membri jadottw id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkpumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi domestika li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-IstatiMembri.

Magħmul fil-Brussel, it-13 ta' Novembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 86, tas-6.4.1979, p. 30.
[2] ĠU L 211, tal-5.8.1997, p. 45.

ANNESS

Fil-Parti B ta' l-Anness, is-sezzjoni "Għalf komplut" huwa mibdul b'dan li ġej:

'Għalf komplut	— Proteini mhux raffinati — Żjut u xaħmijiet mhux raffinati — Fibra mhux raffinata — Irmied mhux raffinat	Annimali apparti minn dawk tat-trobbija fid-djar apparti mill-klieb u l-qtates	Annimali li jitrabbew fid-djar apparti mill-klieb u l-qtates
	— Lysine	Ħnieżer	Annimali apparti mill-ħnieżer
	— Methionine	Tjur	Annimali apparti mit-tjur
	— Cystine — Threonine — Tryptophan	....	L-annimali kollha
	— Valur ta' enerġija	.....	Tjur (skond il-metodu tal-KE)
		.....	Ħnieżer u annimali li jixtarru (skond il-metodi uffiċjali nazzjonali)
	— Lamtu — Total ta' zokkor (bħala sucrose) — Total ta' zokkor flimkien mal-lamtu — Kalċju — Sodju — Magnesju — Potassju	....	L-annimali kollha
	— Fosfru	Ħut, minbarra ħut ornamentali	Annimali apparti mill-ħut ħlief ħut ornamentali'